Fr. Hector Attard mssp

# Żewġ żgħażagħ Peruvjani



Permezz ta' dan il-ministeru dawn Iż-żewġ żgħażagħ ġew approvati mill-Knisja bħala persuni li jistgħu Iħabbru l-Kelma t'Alla waqt il-liturġija. Għalihom dan kien ifisser pass ieħor lejn l-ordinazzjoni saċerdotali

Il-komunita' tagħna fil-Peru kellha għalfejn tifraħ meta żewġ studenti Peruvjani irċivew il-Ministeru tal-Lettorat fit-3 ta' Novembru, 2007. Br.Salomon Cruzado u Br.Jose Muñoz ġew institwiti letturi fil-parroċċa ta' Lurin fejn il-membri tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM) qed jaħdmu bħala katekisti. Permezz ta' dan il-ministeru dawn Iż-żewġ żgħażagħ ġew approvati mill-Knisja bħala persuni li jistgħu iħabbru l-Kelma t'Alla waqt il-liturġija. Għalihom dan kien ifisser pass ieħor lejn l-ordinazzjoni saċerdotali. Din l-okkażjoni kienet opportunità sabiħa għalina biex nippromwovu il-vokazzjoni tagħna f'din il-parti ta' Lima. Fr. Marċell Portelli mexxa l-Ewkaristija fil-waqt li Fr. Martin Galea, li kien qiegħed iżurna, institwihom bħala letturi. Preżenti wkoll għal din iċ-ċelebrazzjoni kien hemm membri tal-Familja Pawlina fil-Peru', kif ukoll xi ftit ħbieb oħra tas-Soċjetà. Għalkemm sempliċi u f'ambjent fqir, iċ-ċelebrazzjoni kienet waħda sabiħa.

Inżommu lil dawn iż-żgħażagħ fit-talb tagħna biex jibqgħu ikunu miftuħin għall-ħidma tal-Ispirtu s-Santu sakemm jaslu biex ikunu ordnati saċerdoti missjunarji fi ħdan is-Soċjetà tagħna.

## ĠURNATA STUDENTI

**Trid tibqa' tagħmel il-ġid għal dejjem?**
**Trid ikollok min jibqa' jitlob għalik?**
**Trid ma tintesiex wara mewtek?**



Dan jista' jseħħ billi tagħmel **Fundazzjoni għall-ħamsa u għoxrin sena ta' ġurnata studenti**

Dan tagħmlu billi toffri erba' mija u sitta u sittin Ewro (Lm200) li bl-imgħax tagħhom inkunu nistgħu nżommu l-istudenti għal ġurnata. Dan jibqa' jsir kull sena, għal hamsa u għoxrin sena.. f'ġurnata li tagħżel int. L-istudenti joffru l-quddiesa li jisimgħu, it-talb, u s- sagrifiċċji kollha ta' matul il-ġurnata, u dak kollu li jagħmlu, għalik jew għal min trid int.

L-indirizz tiegħi issa hu: 'L-Oratorju' Triq San Ġiljan, B'Kara BKR 2806. Tel: 2144 1917 / 7926 5968

FRAR 2008 / GHADD 423
EDITUR: FR NORBERT BONAVIA MSSP



# aħnalilkom

ĦOLQA BEJN IL-ĦBIEB

NEWSPAPER POST

SOĊJETÀ MISSJUNARJA TA' SAN PAWL: SANT'AGATA, RABAT, MALTA, TEL: 2145 4503 / STELLA MARIS, ŻEBBUĠ, GOZO, TEL: 2155 1159

# ĠUŻEPPI DE PIRO: ĦABIB TAL-QALB TA' PAWLU

Fr. Tony Sciberras mssp

**Mons Ġużeppi De Piro ta bejn wieħed u ieħor xi 60 servizz lis-soċjeta' ċivili u lill-Knisja universali u dik lokali. Imma minn fost dan in-numru hekk kbir ta' ħidmiet jidher ċar ħafna li l-aktar li għex kienet l-imħabba lejn il-foqra u lejn l-evanġelizzazzjoni.**

Jekk aħna nillimitaw lilna nfusna għall-evanġelizzazzjoni tal-Qaddej ta' Alla nindunaw li hu wettaq dan il-ministeru fost l-oħrajn bil-predikazzjoni.

Fl-Arkivji tas-Soċjetà Missjunarja tagħna għad għandna ħafna priedki sħaħ jew noti li De Piro kiteb bħala tħejjija għall-predikazzjoni tiegħu. U t-temi huma ħafna. Il-kurjuża hi li fil-waqt li nsibu priedki dwar qaddisin differenti, ma nsibu l-ebda waħda dwar San Pawl. Fl-istess ħin ninnutaw li fil-priedki tiegħu De Piro għamel ħafna referenzi għall-Ittri Pawlini. Ġużeppi De Piro kkwota bl-istess mod lil San Pawl f'kitbiet oħrajn, bħal ngħidu aħna f'San Pawl: Almanakk tal-Istitut tal-Missjoni li hu nnifsu ppublika bejn l-1922 u l-1933. Jirreferi diversi drabi għal San Pawl anke fil-Kostituzzjonijiet li hu kiteb għas-Soċjetà Missjunarja li waqqaf fl-1910. Saħansitra fit-testment tiegħu jirreferi għal kliem l-Appostlu:

"Lill-membri tas-Soċjetà ta' San Pawl, mingħajr ebda distinzjoni, kemm jekk huma superjuri kif ukoll jekk huma sudditi, inħeġġiġhom ħalli jagħmlu ħilithom kollha biex, fi Kristu, jinħabbu bejniethom. Huma għandhom ikunu ċerti li xejn ma jista' jkun ta' glorja 'l Alla, ta' ġid għas-Soċjetà u ta' vantaġġ spiritwali għalihom infushom u għall-proxxmu aktar mill-imħabba li jżommuha b'għożża, skond il-kelmiet ta' San Pawl Missierna: 'Hi l-imħabba li tibnina'."



**"Lill-membri tas-Soċjetà ta' San Pawl, mingħajr ebda distinzjoni, kemm jekk huma superjuri kif ukoll jekk huma sudditi, inħeġġiġhom ħalli jagħmlu ħilithom kollha biex, fi Kristu, jinħabbu bejniethom.**

Dan ir-ritratt qiegħed fid-dar tagħna ta' Parkville, fl-Awstralja

# TAGĦRIF MINN HAWN U MINN HEMM

### Mill-Perù

Nhar il-Ħamis, 27 ta' Diċembru, il-komunitajiet kollha li jinsabu ġewwa l-Perù ltaqgħu flimkien għal mument ta' fraternità. Il-mument beda billi kull persuna qasmet kif hi flimkien mal-parroċċa li qiegħda tieħu ħsieb, għexet iż-żmien tal-Milied bid-diversi attivitajiet li ġew organizzati. Wara komplejna naqsmu l-ferħ tagħna permezz ta' ikla.



Għall-missjunarju, għalkemm jista' jkun xi ftit żmien iebes peress li jkun il-bogħod mid-dar, il-Milied huwa mument fejn jagħraf li hu wkoll jista' jkun Kristu ieħor, għax permezz tiegħu Kristu jista' jgħix fost il-faqar, l-inġustizzja, is-semplicità li jgħixu fihom dawn in-nies; jagħti l-ħajja, il-kuraġġ, l-ferħ fejn hemm il-qtiegħ il-qalb u juri ċar li Alla huwa verament Emanuel – Alla magħna.

**Bro Clinton Farrugia mssp**

### Mill-Awstralja

Il-Fathers tagħna li qed jaħdmu f'Melbourne ta' kull sena, jagħmlu dik li jsejħulha l-"Annual Dinner" ta' l-aħħar tas-sena. Għal din l-ikla jkunu mistiedna il-qassisin u r-reliġjużi irġiel maltin li qed jaħdmu f'dan l-istat tal-Victorja. Qabel l-ikla, wara li ħadu xi ħaġa flimkien ilkoll



mornna l-Kappella biex jgħidu it-talba ta' nofs il-jum. Din saret bl-ingliż. Wara lkoll flimkien kantaw l-innu tant sabiħ, "Ninni la tibkix Iżjed".Trid tisma' dawk il-vuċijiet baritonali li Kien fihom għaxqa!

Konna b'kollox 24, għax mhux kulħadd seta' jiġi. Fosthom kien hemm nieqes l-Isqof Joe Grech li jiġi dejjem u oħrajn.

Fl-aħħar ta' l-ikla Fr.Noel Bianco, is-Superjur Reġjonali, irringrazzja għall-attendenza lil kull min kien preżenti u anke għas-sapport li huma jagħtu lill-membri tas-Soċjetà tagħna matul is-sena kollha. Wara, għan-nom ta' dawk preżenti Fr.Karm Borg, il-Kappillan ta' Deer Park, wera l-apprezzament tiegħu u ta' 'l-oħrajn għal dan il-ġest sabiħ li l-M.S.S.P. tagħmel ta' kull sena.

Hu qal li din l-ikla ilha ssir żgur għal dawn l-aħħar 52 sena kemm ilu hu fl-Awstralja.

**Fr. Norbert Bonavia mssp**

### Mill-Kanada

Jiena naħseb li l-Maltin f'kull parti tad-dinja fejn marru, ħadu magħhom it-tradizzjonijiet Maltin, u xejn inqas il-Maltin ta' Toronto. Fil-familji fejn mort dejjem sibt il-presepju jew ix-xbieha ta' Ġesù Bambin. Kif jibda Diċembru jibdew iċemplu il-Knisja ta' San Pawl għall-ġulbiena. Fis-Sala San Pawl tiġi organizzata kompetizzjoni għall-presepji, għaż-żgħar u l-kbar. Bħala preparazzjoni isir Kuncert tal-Milied fil-knisja bil-parteċipazzjoni tal-Banda Maltija, il-kor San Pawl u mużiċisiti Maltin. Ġimgħa qabel isir 'Street carolling' f'waħda mit-toroq u ġbir ta' hampers għal min hu fil-bżonn. Imbagħad fil-knisja, imżejna tassew sabiħ għall-Milied, issir il-quddiesa tal-vġili bil-priedka tat-tifel bil-Malti u f'ta' nofs il-lejl isir servizz ta' qari u kant u priedka tat-tifel bl-Ingliż. Il-Quddiesa solenni tkun tassew animata bil-kant sabiħ tal-kor tal-parroċċa u l-pageant mtella' mit-tfal imlibbsin l-ilbies tal-persunaġġi tal-presepju.

Wara l-quddiesa jiġi mogħti kalendarju tal-Parroċċa lil kull familja u wara ninġabru flimkien fis-sala u nieħdu xi ħaġa sħuna biex nistejqru mit-temp kiesaħ u s-silġ li jaħkem f'dan Iż-żmien.

**Fr. Dominic Cachia mssp**



### Minn Malta

Hija drawwa tal-Kulleġġ tagħna li kull sena jistieden lil dawk l-"Old Boys" li jkunu iggradwaw f'dik is-sena għall-laqgħa flimkien mal-familji taghhom. Din tkun okkażjoni sabiħa biex nifirħulhom għall-grad li jkunu akkwistaw. Ta kull sena numru sabiħ ta' "Old Boys" jiggradwaw mill-Università' ta' Malta u minn Universitajiet u Kulleġġi barra minn Malta, per eżempju, din is-sena bejn il-1st., is-2nd. jew it 3rd *degree* iggradwaw 47.

Dan il-*get together* li jiġi organiżżat mill-istess "Kumitat tal-" Old Boys Association" jikkonsisti f'quddiesa ta' radd il-ħajr, ritratt ta' l-okkażjoni, u jingħata "token" bħala tifkira



F'dan ir-ritratt ta' fuq jidhru grupp żgħir minn dawk li ġew għal din l-okkażjoni.

U minn Malta wkoll, f'ċerimonja sempliċi li saret nhar it-8 ta' Frar ġewwa l-Oratorju tagħna f'B'Kara, Fr.Louis Mallia is-Superjur Reġjonali għal Malta ta l-mandat lil Fr.Stephen Mifsud, bħala Superjur u Direttur ta' l-istess Oratorju u lil Fr.Tony Sciberras, lil Fr. Norbert Bonavia u lil Bro Cristinu Borg bħala membri ta' din il-kommunità.It-telephone ta' l-Oratorju hu 2144 1917.

